A.L. 246 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Lace Studies taħt il-patroċinju ta' l-Institute for Islands and Small States

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute for Islands and Small States bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Lace Studies taħt l-patroċinju ta' l-Institute for Islands and Small States.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Institute for Islands and Small States;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Lace Studies.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul bħala studenti regolari kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'; jew

(b) jissodisfaw il-provvedimenti tar-regolament 2.2 (a) (iii) tar-Regolamenti għad-Dħul u jkollhom dawk il-kwalifiki li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt, inkluż li jkollhom mill-inqas ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat jew ekwivalenti fi kwalunkwe suġġett.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-programm ta' studji jikkonsisti f':

(a) għadd ta' taqsmiet studju mgħallma li jkopru l-aspetti storiċi, kulturali, tekniċi u ekonomiċi tal-ħidma tal-bizzilla, li għalihom hemm assenjati 48 kredtu (24 kredtu kull sena); u

(b) taqsima studju li tinvolvi proġett prattiku individwali, li għaliha hemm assenjati 12-il kredtu.

(2) L-istudenti li jiksbu l-24 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju u s-6 kredti assenjati għal proġett prattiku u jagħżlu li ma jkomplux għat-tieni sena tal-programm tad-Diploma jkunu ntitolati għas-Certificate in Lace Studies.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, skond il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	50%
Marka Medja tat-Tieni Sena	50%.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.